

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/952

tas-26 ta' Ġunju 2018

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifika li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 33 02 03 01: "Id-Dritt Soċjetarju")

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽²⁾ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Bis-saħħa tal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifika li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet ("Protokoll 31") għall-Ftehim ŻEE.
- (3) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE fih dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifika li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet.
- (4) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE f'azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni rigward id-dritt soċjetarju.
- (5) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex dik il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2018.
- (6) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda proposta tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifika li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 305, 30.11.1994, p. 6.

⁽²⁾ ĠUL 1, 3.1.1994, p. 3.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
E. ZAHARIEVA

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2018

ta'...

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifika li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE li jinkludu azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni rigward id-dritt soċjetarju.
- (2) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2018,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 7(13) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, il-kliem "u l-2017" huma sostitwiti bil-kliem ", l-2017 u l-2018".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-aħħar notifika taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President**Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]